**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-12 ta' Lulju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Supreme Court – l-Irlanda) – Eżekuzzjoni tal-mandati ta' arrest Ewropej maħruġa kontra W O, J L**

**(Kawża C-480/21)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Mandat ta' arrest Ewropew – Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI – Artikolu 1(3) – Proċedura ta' konsenja bejn l-Istati Membri – Kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – It-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 – Dritt fundamentali għal smigħ xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel mil-liġi – Nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati – Eżami f'żewġ stadji – Kriterji ta' applikazzjoni – Obbligu tal-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li tivverifika b'mod konkret u preċiż jekk jeżistux raġunijiet serji u pprovati sabiex wieħed jemmen li l-persuna li tkun is-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew taffaċċjax, fil-każ ta' konsenja, riskju reali ta' ksur tad-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel mil-liġi)***

(2022/C 368/10)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Qorti tar-rinviju**

Supreme Court

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* W O, J L

*fil-preżenza ta':* Minister for Justice and Equality

**Dispożittiv**

L-Artikolu 1(2) u (3) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009, għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni mitluba tiddeċiedi dwar il-konsenja ta' persuna li tkun is-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew ikollha għad-dispożizzjoni tagħha provi intiżi li juru l-eżistenza ta' nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati f'dak li jikkonċerna l-indipendenza tal-ġudikatura tal-Istat Membru emittenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-proċedura ta' ħatra tal-membri ta' din il-ġudikatura, din l-awtorità tista' tirrifjuta l-konsenja ta' din il-persuna:

— fil-kuntest ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena jew ta' miżura li ċċaħħad il-libertà, biss jekk l-imsemmija awtorità tikkonstata li jeżistu, fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, raġunijiet serji u pprovati sabiex wieħed jemmen li, fid-dawl b'mod partikolari tal-elementi pprovduti mill-imsemmija persuna u relatati mal-kompożizzjoni tal-kulleġġ ġudikanti li tkun semgħet il-kawża kriminali tagħha jew ma' kull fatt ieħor rilevanti għall-evalwazzjoni tal-indipendenza u tal-imparzjalità ta' dan il-kulleġġ, id-dritt fundamentali tal-istess persuna għal smigħ xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel mil-liġi, stabbilit fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ma jkunx ġie rrispettat, u

— fil-kuntest ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' proċeduri kriminali, biss jekk l-istess awtorità tikkonstata li jeżistu, fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, raġunijiet serji u pprovati sabiex wieħed jemmen li, fid-dawl b'mod partikolari tal-elementi pprovduti mill-persuna kkonċernata u relatati mas-sitwazzjoni personali tagħha, man-natura tar-reat li għalih din hija akkużata, mal-kuntest fattwali li fih dan il-mandat ta' arrest Ewropew jaqa' jew ma' kull fatt ieħor rilevanti għall-evalwazzjoni tal-indipendenza u tal-imparzjalità tal-kulleġġ ġudikanti probabbilment imsejjaħ sabiex jieħu konjizzjoni tal-proċedura relatata ma' din il-persuna, din tal-aħħar taffaċċja, fil-każ ta' konsenja, riskju reali ta' ksur ta' dan id-dritt fundamentali.

[1] ĠU C 391, 27.9.2021.